**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Gunju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 11/14RGM

Kawza fil-lista: 18

**A B f'isimha proprju kif ukoll fl-interess u ghan-nom u in rapprezentanza ta' binha minuri C D**
**vs**
**E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti :-

1. Illi minn relazzjoni li kellhom bejniethom ir-rikorrenti u l-konvenut, twieled tifel, C D, li twieled tal-Qroqq / Msida, fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tal-elfejn u tmienja (2008);

2. Illi fuq ic-cerifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri C D, bin-numru progressiv: wiehed, wiehed, tnejn, sitta tas-sena elfejn u tmienja (1126/2008), E D huwa ndikat bhala l-missier;

3. Illi r-relazzjoni tal-partijiet li bdiet fMarzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) ntemmet f'Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) ghar-ragunijiet li ser jinghataw fid-dettal matul il-mori ta' din il-kawza fosthom stante li l-konvenut qatt ma ried jahdem bil-konsegwenza li kellha tkun l-esponenti li tahdem u tipprovdi ghal kollox filwaqt li l-konvenut rna kienx jiehu hsieb jew jaghti kaz tal-esponenti u tal-minuri C kif mistenni minnu;

4. Illi l-minuri C hu tifel bi bzonnijiet specjali minhabba kundizzjoni ta' autism (Autism Spectrum Disorder – ASD) li huwa jbati minnha;

5. Illi f'dawn l-ahhar snin il-partijiet kienu ghaddejjin minn proceduri ta' medjazzjoni bil-ghan li jigu regolati l-aspetti ta' kura, kustodja access u manteniment referibbli ghall-imsemmi minuri C D ;

6. Illi dawn il-proceduri eventwalment inghalqu wara li ma ntlahaqx qbil dwar l-aspetti ta' kura u kustodja, access u manteniment imsemmija fit-tielet premessa ta' din ir-rikors;

7. Illi permezz ta'digriet moghti mill-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja) fid-19 ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettrax (2013) fl-Atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni Numru 850/10, inghatat l-awtorizazzjoni sabiex il-partijiet jipprocedu bil-kawza;

8. Illi filwaqt li fattwalment hija l-esponenti rikorrenti li ghandha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri C D li jghix ma' l-esponenti fid-dar tan-nanniet materni u filwaqt li l-esponenti prattikament tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tal-istess minuri, il-konvenut li ghandu passat ta' abbuz ta' drogi u li jista' jkun li kellu u/jew ghandu jiskonta sentenza ta' habs relatati ma' proceduri kriminali fil-konfront tieghu, jezercita access limitat ghall-minuri, liema access fil-prezent gie ordnat li jkun b'monitoring, [skont kif stipulat waqt il-proceduri ta' medjazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet], u dan anki in vista tal-fatt li l-minuri prattikament kull meta jkun wasal il-hin tal-access mal-missier, jew ma jkunx irid imur jew inkella jaghti battikata lill-esponenti biex din tikkonvincieh sabiex imur;

9. Illi l-esponenti sahansitra spiccat rinfaccjata bi proceduri kriminali kontriha mitlubin mill-konvenut meta f'cirkostanza partikolari, wara li huwa kien mar tard ghall-access, ma kienx irnexxielha tikkonvinci lil binha, (li anki minhabba l-kundizzjoni li jbati rninnha, possibilment iwebbes rasu aktar minn tfal li ma jkunux ibatu b'kundizzjoni bhal dik li jbati minnha iben ir-rikorrenti), sabiex imur ghall-access ma' missieru;

10. Illi min-naha tieghu il-konvenut ftit li xejn juri li jifhem is-sitwazzjoni partikolari li meta l-minuri, forsi anki minhabba l-kundizzjoni sensittiva tieghu, jiddeciedi li ma jkunx irid imur ghall-access, ikun tassew difficli li tbiddillu fehmtu;

11. Illi minkejja li l-access tal-minuri favur il-missier fil-prezent qed isir taht monitoring l-minuri C D ghadu xorta wahda jghid lill-esponenti li ma jkunx irid imur ghall-access;

12. Illi l-esponenti tibza wkoll li r-raguni ghalfejn il-minuri ma jkunx irid imur ghall-access ma' missieru hi dovuta possibilment ghall-fatt li l-intimat ma jafx igib ruhu bizzejjed mal-minuri kif ukoll minhabba nuqqasijiet li wiehed isib fir-residenza tal-missier inkluza problema ta' wirdien u nuqqas ta' ndafa - kif ser jigi spjegat matul il-mori ta' din il-kawza;

13. Illi l-esponenti spiccat f'sitwazzjoni fejn kull meta l-minuri ma jkunx assolutament ikun irid imur ghall-access ma' missieru, ikollha taghmel rapporti mal-Pulizija kif fil-fatt ghamlet kif jirrizulta mir-rapporti datati 8 ta' Ottubru 2013 u 10 ta' Ottubru 2013, sabiex tikkawtela l-posizzjoni taghha.

14. Illi filwaqt li l-esponenti, minkejja li ghadha studenta l-Universita ta' Malta taghmel hilitha kollha sabiex taghti dak kollu li ghandu bzonn il-minuri inkluz li tohrog spejjez konsiderevoli referibbli ghal spejjez ordinarji ta' kuljum, spejjez ta' edukazzjoni u programmi specjali intizi li jghinu lill-minuri minhabba l-kundizzjoni partikolari tieghu u spejjez ohra ta' sahha, il-konvenut min-naha tieghu sfortunatament jikkontibwixxi manteniment minimu ta' €31.81 fil-gimgha ekwivalenti ghal terz tal-assistenza socjali li huwa jircievi in vista tal-fatt li jghid li ma ghandux impjieg (ghalkemm l-esponenti konvinta li dan effettivament ghandu impjieg u li fi kwalunkwe kaz il-konvenut hu b'sahhtu bizzejjed biex isib xi forma ta' impjieg anki li kieku stess dan ma kellux impjieg);

15. Illi minkejja li l-istess digriet li ordna lill-konvenut ihallas manteniment kif hawn fuq imsemmi, jipprovdi wkoll li dan ghandu jhallas ukoll nofs l-ispejjez relatati ma' l-edukazzjoni (ordinarji) tal-minuri, liema spejjez iwasslu ghal-mijiet ta' Ewro fis-sena, kif ser jigi muri matul il-mori ta' din il-kawza, l-konvenut f'dan l-ahhar snin ikkontribwixxa zewg pagamenti ta' €20 biss [!];

16. Illi filwaqt li l-konvenut jidher li jrid jinsisti fuq id-drittijiet tieghu b'mod partikolari dak referibbli ghal-access ghall-minuri C, ftit li xejn jidher li huwa kapaci jew li hu lest li jaghmel hiltu sabiex jonora l-obbligi tieghu lejn l-istess minuri kif ser jigi spjegat f'aktar dettal matul din il-kawza inkluz permezz tax-xhieda ta' l-esponenti, xhieda ta' persuni ohra u dokumenti u provi ohra;

Illi ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Takkorda lill-esponenti l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri C D u konsegwentement tordna li l-minuri C D ghandu jirrisjedi ma' l-esponenti, li tkun tista' tiehu, wehidha, dawk id-decizjonijiet ordinarji u straordinarji kollha referibbli ghall-minuri C D;

2. Tipprovdi ghal-access tal-minuri C D favur il-missier li jkun supervizjonat fil-bini tal-Agenzija Appogg li fejn mehtieg jew meta mitlub mill-minuri jkun irid

jigi ezercitat fil-presenza tal-esponenti l-omm, indefinittivament sakemm il-minuri jibqa' jidher li ma jkunx irid imur wahdu ghal-access mal-missier u sakemm min-naha l-ohra, l-missier ma jkunx irranga n-nuqqasijiet tieghu li qed issir referenza ghalihom f'din il-kawza;

3. F'kaz li t-tieni t-talba tigi michuda, tipprovdi li kwalsiasi access favur il-missier ikun wiehed limitat ghal massimu ta' darbtejn fil-gimgha konsistenti minn numru ta' sieghat darba matul il-gimgha u numru ta' sieghat darba matul il-weekend f'hinijiet li jkunu possibbli tenut kont tal-bzonnijiet u impenji tal-minuri, u li taht l-ebda cirkostanza tali access ma jkun jinkludi sleepovers';

4. Tordna lill-konvenut jikkontribwixxi manteniment ta' mitejn u tletin Ewro [€230] fix-xahar li jizdied kull sena skont l-gholi tal-hajja flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u kwalsiasi bzonnijiet ohra tal-minuri u dan irrispettivament minn jekk il-konvenut ikollux impjieg jew le;

5. Tordna li l-manteniment li l-konvenut jigi ordnat li jikkontribwixxi ghal ibnu flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess C D, jibqa' dovut mill-konvenut mhux biss sa meta l-imsemmi C D jaghlaq l-eta' ta' tmintax-il [18] sena jew sa rnassimu ta' tlieta u ghoxrin [23] sena f'kaz illi jkun student li jkun qieghed jippartecipa f'edukazzjani, tahrig jew taghlim full-time, izda anki oltre tali eta' in vista tal-kundizzjoni ta' autism - (Autism spectrum Disorder - ASD) ta' l-istess minuri li ghandha titqies li hija ekwivalenti ghal dizabilita';

6. Tordna lill-konvenut ihallas dak li sa issa ghadu ma kkontribwixxix mis-sehem dovut minnu skont kif ordnat permezz tad-digriet moghti mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja fid-19 ta' April 2011 permezz ta' liema l-konvenut kien gie ordnat ukoll li jhallas nofs l-ispejjez relatati ma' l-edukazzjoni [ordinarji] tal-minuri;

7. Bl-ispejjez ta' din il-kawza kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi huwa gie ammess ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali;

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi fil-fatt jigi rilevat illi l-intimat ma jahdimx u jghix bir-relief u dana peress illi kellu problema ta' droga dwar liema hemm proceduri kriminali li possibiliment jistghu jwasslu li hu jkollu sentenza ta' prigunerija;

4. Illi di piu l-intimat mhux qed isib xoghol peress li kull tentattiv li jaghmel biex japplika ghal xoghol jigi lilu rifjutat minhabba kif inghad il-problema tad-droga.

5. Illi huwa prezentement ghandu access ghall-minuri kull nhar ta' Tlieta u Hamis mill-5 sas-7.30pm u alternattivament darba s-Sibt u darba l-Hadd mid-9.30 am sal-l2.30. Illi l-esponent jixtieq li jinghata wkoll sleepovers stante li t-tifel illum se jghalaq 6 snin u ghalhekk m'ghadux daqshekk zghir li ghandu jigi mpedit sleepover.

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti ghandhom jigu respiniti bl-ispejjez preress illi:

(a) kwantu ghat-talba tal-kura u kustodja m'hemm ebda raguni ghala din ghandha tkun esklussivament f'idejn l-attrici izda ghandha tibqa kongunta bejn il-partijiet b'dan illi m'hemmx diffikulta li t-tifel jghix ordinarjament mal-omm.

(b) Kwantu ghas-supervizjoni waqt l-access dan ukoll m'hemmx htiega tieghu stante li l-esponenti huwa perfettament kapaci jkollu access ghal ibnu minghajr htiega ta' supervizjoni. Definittivament mhux il-kaz li l-access jigi ezercitat fil-prezenza tar-rikorrenti peress li m'hemmx il-htiega ghaldaqshekk oltre li dan ikun ifisser li mhu access xejn.

(c) Kwantu ghal modalita tal-access dan ghandu jibqa fil-granet u hinijiet korrenti bla aggiunta ta' sleepover favur tal-intimat;

(d) Kwantu ghar-raba` talba din hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt kemm il' ghaliex l-ammont mitlub mhux fattwalment possibbli li jithallas u kemm il-ghaliex skont il-ligi il-manteniement jigi kalkolat abbazi tal-bzonnijiet ta' min jircevih u mezzi ta' min ihallsu. Huwa car li l-esponenti m'ghandux mezzi u ma jidhirx li se jkollu almenu fil-futur qarib. Ghalhekk din it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

(e) Kwantu ghal hames u s-sitt talbiet dawn huma wkoll infondati ghal-istess ragunijiet imsemmija fl-eccezzjoni precedenti.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fit-13 ta' Marzu 2014;
Rat ir-rapport ta' Martina Testa, Social Worker fl-Agenzija Appogg, ipprezentat fit-2 ta' April 2014;

Rat ix-xhieda ta' Josanne B, omm l-attrici, u ta' Mario B, missier l-attrici, li xehdu fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tad-WPS 158 Gillian Henwood, tas-Social Worker Martina Testa u ta' Stephen Spiteri, impjegat fis-Segretarjat tal-Kurja, li xehdu fis-seduta tat-25 ta' Novembru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Joseph Spiteri, ghall-Employment and Trading Corporation, li xehed fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2015 u fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Charlene Borg Parent Relations Manager, u ta' Magdalene Cucciardi, Assistent Head fil-Junior School fir-Rabat li xehdu fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-attrici li xehdet fis-seduta tat-8 ta' JAr 2016, fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2016, u fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2016; mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-1 ta' Frar 2017 fejn l-Assistent Gudizzjarju informal ill-Qorti li l-konvenut baqa' ma ikkomunikax mal-avukat tieghu u ghalhekk la gie pprezentat affidavit u l-anqas tressqu xhieda;

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fl-14 ta' Marzu 2017 u l-verbal registrat fis-seduta tas-6 ta' April 2017 fejn l-avukat tal-konvenut iddikjara li ma kienx f'posizzjoni li jipprezenta nota responsiva billi l-konvenut baqa' ma kkommunikax mieghu u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Rat n-nota tal-attrici pprezentata fit-8 ta' Mejju 2017 fejn elenkat u aggiornat l-ispejjez minnha inkorsi favur il-minuri, u talbet li l-konvenut jigi kkundAt ihallas nofshom.

IL-PROVI.

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fit-13 ta' Marzu 2014, Fol 21 et seq. iddikjarat li ltaqghet mall-konvenut f'Settembru 2006 fil-Bar Native f'Paceville fejn hu kien jahdem bhala bartender. Ir-relazzjoni taghhom bdiet f'Marzu 2007. Il-genituri taghha kienu oggezzjonaw billi kien akbar fl-eta' u kellu hafna tattoos pero' f'April 2007 marret tghix mieghu fil-flat tieghu il-Qawra. Kienu jahdmu t-tnejn. Fil-bidu kollox kien miexi sew, sakemm nqabdet tqila f'Awwissu 2007. Malli qaltlu li harget tqila 'beda jirabbja u jidghi ghax ma riedx li jkollu tfal'. Wara xi jumejn cempillha fuq ix-xoghol u qalilha li tista' tiehu xi pilloli biex ittemm it-

tqala. Hi insistiet li riedet izzomm it-tarbija u rreallizzat li ma kienx jhobbha billi ssuggerilha li tkorri u ghaliha r-relazzjoni taghhom ntemmet dakinhar. Wara gimgha kkonfermat t-tqala taghha ma' ginekologu. Hi kienet tahdem u f'Ottubru bdiet t-tielet sena fil-kors ta' Criminology fl-Universita' ta' Malta. F'nofs Ottubru l-konvenut waqaf jahdem 'ghax ma kellux apptit jkompli jahdem' u kollox spicca fuq spallejha.

Meta kellha kwazi 14 il-gimgha tqala kellha incident. Wara gurnata xoghol bhala waitress mill-10.00am sas-6.00pm marret d-dar sabet dizastru billi l-konvenut kien qatta' l-gurnata kollha mal-hbieb u hadd ma naddaf. Spiccat tnaddaf kollox hi wahedha u damet sal-10.00pm. Hassitha skomda, marret t-toilet u rat li kienet qed titlef hafna demm. Bdiet tibza li kienet ser titlef t-tarbija, sejhet lill-konvenut li 'ma kellu reazzjoni ta' xejn' u talbitu johodha l-isptar. Il-konvenut flok hadha l-isptar hadha il-Polyclinic tal-Mosta billi kienet aktar vicin, minn hemm baghtuha St Luke's, marret fl-emergenza u giet ezaminata. Qalulha li kienet qed tithabat izzejjed, li kien ahjar ghaliha li tieqaf tahdem u toqghod kemm jista' ikun mistrieha. Waslu d-dar fl-4.00am izda fis-7.00am kellha tmur lura ghall-ultrasound, pero' meta qajmet lill-konvenut biex johodha qalilha biex tmur wahedha ghax ried jorqod. Spiccat kellha tghid lil habiba biex tmur maghha.

Matul il-lejl il-konvenut l-anqas biss staqsiha kif kienet u minflokk kien qed igorr li kien qed ihoss il-bard. Sa filghodu baqghet titlef id-demm. Damet xahar shih f'din il-kondizzjoni u fix-xhur ta' wara kien jkollha xi gurnata partikolari fejn kienet titlef hafna demm. Ma kienx possibbli ghaliha li tieqaf mix-xoghol, kif kienu rrokkomandawlha t-tobba, ghalkemm naqqset l-attendenza taghha fl-Universita'. Il-konvenut xorta ma ppruvax issib xoghol, kien kuntent jaraha tithabat.

F'Dicembru 2007 il-konvenut beda jahdem fi stabbiliment f'Paceville, pero' xorta wahda ma tantx kien jghin fil-kontijiet u l-ispejjez. Il-flus kien juzhom 'ghall-affarjiet tieghu'. Hi kienet taf li l-konvenut kien ipejjep il-haxixa, izda hasbet li kien qata' pero' meta rega' beda jahdem f'Paceville, kien jaghmilha ma' certa nies u rega beda jpejjep sew.

Minn Awwissu 2006 kienu bdew ifaddlu il-flus mit-tips go vazun ghall-ispejjez li kien ser ikollhom bit-tarbija. Hi kienet taf li kellhom xi LM600, pero' meta wasal iz-zmien biex tibdilhom f'Euro sabet li kien hemm LM350 biss. Hu kien qalilha li kien hadhom ghax kellu bzonnhom.
Ghalkemm kellha twelled fl-ahhar ta' April, minhabba l-istrapazz u l-inkwiet, welldet fit-22 ta' Marzu 2008. Kellha 35 gimgha tqala u lejliet kienet il-Gimgha l-Kbira u hadmet mill-10.00am sal-5.30pm.

Ghall-attrici, t-twelid tat-tifel kellu jkun mument ta' ferh billi ghalkemm twieled hames gimghat qabel kien b'sahhtu, pero' ghaliha kien mument ta' inkwiet kbir peress li l-konvenut kien hadilha nofs il-flus li kienet gemmghat biex tixtri l-affarjiet ghat-tifel. Kellha ccempel lill-ommha biex taghtiha xi flus u hassitha umiljata li kellha titlobha il-flus u hassitha mdejqa li l-genituri taghha u huwha ma marrux jaraw lit-tarbija.

It-Tnejn filghodu ommha haditilha l-flus, it-tobba qalulha li setghat tmur id-dar, marru ghaliha, wafqu ghand Mothercare, mnejn hadet l-affarjiet l-aktar ta' bzonn u baqghu sejrin d-dar. Hi ppretendiet li ser issib kollox nadif, pero' meta waslet sabet l-art mahmuga u l-hwejjeg mhux mahsulin. Bdiet tnaddaf ghax hi thobb l-indafa u anke minhabba t-tifel, u hadd minn dawk prezenti ma ghinha fit-tindif. Barra l-konvenut kien hemm ohtu u l-gharus taghha u habiba tal-konvenut li kienet wasslithom d-dar mill-Isptar.

Wara xi hames tijiem mit-twelied tat-tifel, marru biex jirregistrawh u kellha tnizzlu bhala 'unknown father' ghax il-konvenut ma ridx jaghtih ismu. Hu ghamel hekk biex hi tkun tista' tiehu l-ghajnuna socjali u c-children's allowance. Hi ma qablitx mieghu billi bhala missieru kellu jiehu r-responsabilita' tieghu u jipprovdi ghalih.

Wara li twieled it-tifel, ghamlet tlett gimghat id-dar, pero' billi l-konvent kien rega' waqaf jahdem kellha terga' tidhol ghax-xoghol billi spiccaw bla flus. Waqt ix-xoghol it-tifel kien izzommu l-konvenut, pero' t-tifel kien dejjem jibki ghax ma kienx ibiddillu u jhallih mahmug, tant li kienet telghatlu 'rash'.

Fis-Sajf tat-2008 billi kienu qed jahdmu t-tnejn irrangaw maz-zija tal-konvenut li fis-Sajf toghqod il-Qawra u fix-Xitwa tghix Hal-Qormi, biex din toqghod mat-tifel meta huma jkunu x-xoghol.

Kien ikollhom xi jghidu ta'spiss, il-konvenut la kien jaghti kaz tat-tifel u lanqas kien jilghab mieghu.

L-attrici, kontra qalbha kienet kostretta taccetta li fix-Xitwa tiehu t-tifel ghand z-zija tal-konvenut f'Hal-Qormi. Biex tirreciproka l-attrici kienet tghin lit-tifla taz-zija fl-istudju taghha. Dan il-partjiet ghamluh bejn Ottubru 2008 u Lulju 2009. Meta l-attrici kienet ma tiflahx, l-konvenut lanqas biss mar jarah lit-tifel li kien ghand iz-zija tieghu f'Hal-Qormi. Ma marx jarah fit-28 ta' Frar 2009 u lanqas mar fl-1, it-2 u t-3 ta' Marzu 2009. Kien dejjem igib l-iskuzi li kien aktar interessat li jmur jara s-serp ghand il-habib tieghu milli jmur jara lit-tifel. Ir-relazzjoni taghhom kienet qed tiddeterjora billi skont l-attrici l-konvenut ma kien jaghti 'kaz ta' xejn u ta' hadd'.

Fis-Sajf tat-2009, l-attrici ghamlet operazzjoni f'idejha. It-tobba rrakkomandawlha li sserraha, haga li ma setghatx taghmel billi l-konvenut lanqas meta kienet f'din il-kondizzjoni ma kien jghinha fix-xoghol tad-dar.

F'Settembru 2009 l-attrici tghid li ma felhitx tissoporti izjed. Kienet taghmel kollox hi, kienet tahdem bix-shift bil-lejl, u matul il-gurnata issajjar u tnaddaf, gieli ghamlet tlett tijiem ma torqodx, mentri l-konvenut kien jew jorqod, jew fuq il-computer jew mal-hbieb. Baqghu jikkoabitaw ghal ftit xhur, pero' f'kmamar separati, sakemm f'Dicembru 2009 sabet flat f'San Pawl il-Bahar li kien tajjeb ghaliha u ghat-tifel. Hi garret l-affarjiet taghha f'dan l-appartament pero' baqghat tghix mal-konvenut billi dan zamm it-tifel mieghu.

F'JAr 2010 telqet definittavament mill-flat tal-konvenut wara li kellhom xi jghidu. Hi kienet tahdem bejn 10 u 12 il-siegha kull jum, it-tifel kien izommu l-konvenut, pero' dejjem kien jkun mahmug u l-flat kien ikun mimli imbarraz meta l-attrici kienet tmur tara t-tifel kienet tispicca tnaddaf, tahsel il-hwejjeg, titma lit-tifel u toqghod hdejh sakemm jorqod. Kienet dejjem thallas hi ghall-htigijiet tat-tifel. F'zewg okkazzjonijiet l-konvenut talabha Euro 300 u qalilha li jekk ma tatihomlhux ma kienx ser ihalliha tara lit-tifel.

Fl-1 ta' Mejju 2010 l-attrici regghet marret tghix ghand il-genituri taghha u ftehmu li t-tifel jaghmel nofs il-gimgha mal-attrici u nofs il-gimgha mal-konvenut. Meta t-tifel kellu xi sentejn u nofs bdew hirgin it-traits li juru li t-tifel kien autistic.

Fis-Sajf tat-2010 l-attrici nnotat li t-tifel ma kienx qed jaghmel progress fil-kliem u haditu ghand tabib. Dan irriferiha ghal Child Development Assessment Unit (CDAU) u t-tifel gie diagnosed li kien autistic. L-attrici bdiet tiehu lit-tifel ghall-occupational therapy, speech therapy, psychologist u physiotherapy. Xtaqet tibghatu playschool biex jithallat ma' tfal ohra, izda il-konvenut ma riedx. Hi offriet li thallas kollox hi, izda l-konvenut ma riedx iwassal lit-tifel il-playschool meta jkun mieghu, ghalhekk ma setghatx tibaghtu.

Inqala' incident meta t-tifel kien ma jiflahx u kien qieghed ma' omm l-attrici u l-konvenut ippretenda li jiehdu mieghu. It-tifel gie ezaminat mit-tabib li ghamillu certifikat li ma johrogx mid-dar ghal xi gimgha. L-attrici kellmet lil tal-Appogg u f'Novembru 2010 dawn accedew kemm fil-flat ta' E, il-konvenut, kif ukoll fir-residenza tal-genituri tal-attrici, biex jaraw fejn kien qed jitrabba t-tifel. Ir-rapport tal-Appogg igib d-data 26 ta' JAr 2011.
Fis-7 ta' Frar 2011 inghata digriet fejn l-kura u kustodja tat-tifel giet fdata f'idejn l-attrici, b'access favur il-missier f'certu granet u hinijiet.

Bdiet tibghat lit-tifel il-playschool tal-Imsida biex jkun vicin l-Universita' fejn hi kienet tattendi ghal xi lectures u rrangat biex lis-speech therapy lessons ikunu f'hinijiet meta hi ma kellhiex lectures.

It-tifel C ghalaq 3 snin fit-22 ta' Marzu 2011 u missieru ma kienx juri interess fih, kull meta l-attrici ssemmhielu l-flus, kien jghidilha li ma kellux flus.

Il-konvenut kien ammetta ma' tal-Appogg li f'Dicembru 2010 kienu marru il-Pulizija, ghamlu search fil-post tieghu u sabu ammont sostanzjali ta' droga cAbis. Il-konvenut kien gie arrestat ghal 24 sieghu u billi dak il-hin it-tifel kien mieghu baqa' mal-habiba tal-konvenut u lill-attrici ma cemplulhiex biex tmur ghat-tifel.

Il-partijiet bdew jiltaqghu ghall-medjazzjoni u l-attrici kkoncediet li t-tifel ikun mal-konvenut 11 il-siegha fil-gimgha flokk 8 sieghat.

F'Lulju 2011 nghata digriet dwar il-manteniment tat-tifel u l-ispejjez tal-edukazzjoni, izda l-konvenut qatt ma hallas xejn hlief darba Euro 40.

Bejn Novembru 2011 u Mejju 2013 kienet dejjem l-attrici li kienet twassal lit-tifel ghand il-konvenut, hu kien dejjem jgib xi skuza, bhal li l-karozza tieghu ma kienitx 'safe' ghat-tifel.

L-attrici dahhlet lit-tifel fi skola tal-Knisja, Santa Angela, Rabat, u nghata LSA biex tassistih. Il-konvenut oggezzjona li jhallas donation ghall-iskola, offrilha biss Euro5. L-attrici ghalhekk hallset u baqghet thallas wahedha l-ispejjez kollha tal-iskola tat-tifel.

F'JAr 2012 l-attrici, billi t-tifel kien eligibbli, accettat li t-tifel jibda programm specjali ghat-tfal autistici li joffri l-Inspire, dan kien jiswa Euro 990 fis-sena. Meta kellmet lill-konvenut dwar dan ogezzjona minhabba l-flus. Ghahekk iddecidiet li thallas kollox hi, billi ma riditx ittelfu dik l-opportunita'.

L-attrici tirrakkonta li darba waqt li t-tifel kien ma' missieru, waqa', habat halqu u qasam sinna. Kellu jigi operat wara xi gimgha u l-konvenut lanqas indenja ruhu jmur l-isptar meta t-tifel kellu jigi operat.

L-attrici tghid li minn dak iz-zmien it-tifel beda juri bic-car li ma kienx irid imur ghand missieru.  L-attrici tispjega illi sew hi kif ukoll il-boyfriend taghha, Andre' u l-familja taghha kollha jippruvaw jadattaw hajjithom ghat-tifel li minhabba l-kondizzjoni tieghu huwa important li jkollu certu rutina f'hajtu.  Tghid pero' li l-konvenut baqa' ma fehemx il-kondizzjoni partikolari tat-tifel.

L-attrici kienet tahdem u baqghet tahdem biex tkun f'posizzjoni li thallas ghall-ispejjez tat-tifel. Gieli hadet lit-tifel ghand missieru li lanqas kien jifthilhom billi ikun u jibqa rieqed, darba l-attrici dahhlet fuqu ghall-gharrieda, u sabet lill-konvenut fis-sodda ma' tfajla. Ma kien juri l-ebda interess fit-tifel.

Tghid li f'okkazzjoni minnhom il-konvenut ha lit-tifel party, u kellu jirritorna t-tifel l-Ghassa billi zzammu mieghu sa tard, u fuq parir tal-Pulizija l-attrici bdiet tinsisti li l-konvnut jara lit-tifel skont il-hinijiet indikati fid-digriet.

Fit-8 u fl-10 ta' Ottubru t-tifel ma riedx jmur ma' misseru u kellhom xenata fl-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar.

L-attrici ddikjarat li t-tifel u l-boyfriend taghha Andre' Cutajar Cristina jingiebu hafna u hi tixtieq li jkollha il-kura u kustodja esklusiva tat-tifel, billi jekk tkun kongunta l-konvenut jibda joggezzjona ghal kull ma tipproponi hi dwar t-tifel. Hi tghid: "E jipprettendi li jkollu d-drittijiet kollha li hu intitolat ghalihom kull genitur imma hu mhux lest li jaghmel dmiru lejn C u li jerfa' certa responsabiltajiet".

Hi ddikjarat li l-ispejjez kollha tat-tifel dejjem hallsithom hi u tipprettendi li l-konvenut jikkontribwixxi ghal dawn l-ispejjez. Tiddikjara ukoll li jekk it-tifel ma jkunx jrid jmur ghand missieru ma ghandux jigi kostrett jmur ma' missieru. Ghalkemm hi dejjem tipprova tikkonvinci lit-tifel biex jmur, jekk assolutament ma jkunx jrid, il-konvenut ghandu jifhem u ma jibqghax jinsisti.

**Martina Testa, Social Worker mal-Agenzija Appogg,** ipprezentat ir-rapport taghha, Fol 63 et seq, fit-2 ta' April 2014, hi kienet giet nominata b'digriet tas-7 ta' Frar 2011. Hi tkellmet mal-konvenut, u ma' l-attrici, accediet ghand iz-zewg genituri, u kkonkludiet li l-konvenut ghamel tentattiv biex izomm d-dar nadifa, li l-konvenut jidher li ghandu relazzjoni tajba mal-minuri, u li qatt ma ratu taht l-influenza tad-droga. Hi ghalhekk irrakkomandat li ma kienx ghad hemm bzonn ta' monitoragg mill-Agenzija Appogg.

**Josanne B, omm l-attrici**, xehdet fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 71 et seq. Hi kkonfermat li r-responsabilita' tat-trobbija tal-minuri C D, kienet tal-attrici ommu biss, billi missieru, l-konvenut, qatt ma kien jahdem, mentri l-attrici kienet dejjem tahdem, anke anqas minn xahar mit-twelied tat-tarbija. L-attrici kienet qed tmantni lilha nnifisha, tiehu hsieb it-tifel u kienet tmantni ukoll lill-konvenut. L-attrici kienet telqghet mid-dar tal-genituri u marret tghix fil-post tieghu. Kollox waqa' fuq spallejha. Kienet tahdem sieghat twal u tmur d-dar u jkollha tahsel l-hmieg ta' zewgt iklieb. Hu qatt ma kkontribwixxa xi flus biex jghin fl-ispejjez. L-attrici fit-2009 kienet studenta fl-Universita' fejn iggradwat fil-Criminology u wara bdiet il-kors tal-ligi. Wara li l-

partijiet ma baqghux jikkoabitaw, it-tifel C kien jaghmel tlett ijiem ghand l-attrici, erba' tijiem ghand missieru u l-gimgha ta' wara kienu jaqilbu. Meta kienu ghadhom flimkien, x-xhud iddikjarat li gieli xtratilhom l-ikel hi stess. L-ewwel darba li ltaqghet mal-konvenut kien fil-bus terminus ta' Bugibba u kienet ixxukkjat ruhha billi 'lanqas biss kellu flok fuqu'. Hi kienet tinduna li l-konvenut f'certi mumenti ma kienx jkun f'sikktu u taht l-inflwenza tad-drogi. Hi tghid li l-konvenut kien 'litteralment parrasita'.Hi kienet tinnota li t-tifel kien jitlef mill-pis wara l jkun ghamel xi granet ma' missieru. L-attrici marret fid-dar tal-genituri taghha fl-1 ta' Mejju 2010 u ghalhekk it-tifel beda jkun izjed maghhom. Hi indunat li t-tifel ma kienx jitkellem u kellu certu atteggjament mhux normali, bhal jigri min naha ghall-ohra u jinstabat mal-hajt. Billi kienet tahdem fl-Isptar irrangat ghall-appuntament ic-Child Development and Assessment Unit (CDAU) u t-tabiba qaltilhom li t-tifel kellu traces of autism, u kien ghalhekk li l-attrici dahlitu fl-Inspire. Ghalkemm hi u zewgha komplew jghinu lill-attrici finanzjarjament, certa spejjez, bhal kontijiet tal-iskola tat-tifel, kienet thallashom l-attrici. It-tifel biex jkun jista' jmur l-iskola ghandu bzonn ta' Learning Support Assistent, (LSA) 'on a one to one basis'. Il-konvenut, ghalkemm gieli rrimarka li t-tifel kien qed jaghmel progress, kien kontra li t-tifel jmur l-Inspire u li jkollu 'speech therapy'. Meta l-attrici kienet tghidlu li kellha bzonn tixtri uniformi ghat-tifel li tqum Euro 360 kien jghidilha li ma kellhux flus. Hi kienet dejjem tmur ma' bintha, l-attrici, ghal-laqghat tal-iskola, l-konvenut qatt ma kien jkun presenti. L-attrici tkun avzatu bil-laqghat izda hu qatt ma wera interess.

Hi rrakkontat b'certu biza' l-incident meta t-tifel kien ghandha bid-deni, tistenna lit-tabib, l-attrici kienet driving lesson u l-konvenut insista li ried jiehu lit-tifel. Hi twerwret, gabet il-Pulizija d-dar, u meta t-tabib irrakkomanda li t-tifel ma johrog billi kellu 104 deni, il-konvent telaq. Hi tghid li minn dakinhar l-konvenut 'beda jarani negattivament'.

Hi ddikjarat li t-tifel kien jaghmel xenata shiha kull darba li kellu jmur ghand missieru, gieli kien anke jirremetti.

Il-konvenut hu miksi tatoos u ma jhobbx jilbes tops biex jurihom. Ma jilbisx pulit, u qatt ma jaghti flus lill-attrici biex jghinha fl-ispejjez li ghandha bit-tifel. L-attrici tahdem, jumejn fil-gimgha tahdem bil-lejl u filghodu xorta tqum tlesti il-lunch ghat-tifel u twsslu l-iskola r-Rabat, u darbtejn fil-gimgha tiehdu l-Inspire. Ix-xhud iddikjarat li n-neputi qed trabbih hi billi l-attrici barra x-xoghol tattendi ghal xi lectures fl-Universita'.

**Mario B, missier l-attrici,** xehed fl-istess seduta, Fol 76 et seq. Hu kkonferma li t-tifel C hu tifel bi bzonnijiet specjali u autistic. It-trobbija tieghu tirrikjedi dedikazzjoni kbira. It-tifel hu 'attached' hafna ma' ommu, u ghalhekk ikun hemm il-problemi meta jigi biex jmur ghand missieru. It-tifel ma kienx ikun irid jmur

ghand missieru u jibda jghid ‘C stay’. It-tifel ma ghandux il-hila jghid sentenza shiha, il-mezz ta’ kommunikazzjoni tieghu huma l-body language u l-hand movement. L-attrici, billi taf il-karattru tieghu sew, taf kif tikkonvincih biex jmur ghand missieru minghajr xenati. Kien hemm kazijiet meta assolutament irrifjuta li jmur u spiccaw il-Qorti.

Darba mar hu l-Ghassa. Il-konvenut kien f’rokna u t-tifel f’rokna ohra jikbi b’tantrum enormi. Mar fuq it-tifel u qallu “We go Swing?” u qabadhom t-tnejn, il-missier u t-tifel, u marru l-bandli. Ghall-ewwel il-konvenut qaghad mat-tifel izda wara ftit qabad jibghat il-messaggi fuq il-mobile u kien x-xhud li kellu joqghod jigri wara t-tifel u mhux il-konvenut.

Ix-xhud qal li meta t-tifel jirritorna minn ghand missieru tant jkun mahmug li jkollok tahslu. Meta t-tifel ma jkunx f’sikktu, jibda jigri minn hajt ghall-hajt u anke jahbat mal-hajt u meta jkollu xi haga li qed iddejqu, aktar jigri u t-tisbita tkun akbar. Xi kull tant jizloq u jwegga’. Din l-attivita’ tizdied meta jmur ghand missieru. It-tifel ma jghidx kliem shah izda parti biss minnha u meta l-kelma ma jkunx jafha, jesprimi ruhu b’idejh.

Ix-xhud jghid li jiddubita jekk il-konvenut jifhimx lit-tifel, billi bil-karattru li ghandu ma ghandux pacenzja illi jdur b’dan it-tifel. Lit-tifel ikkellmu bhal bniedem normali u ma jaghmel l-ebda sforz biex jifhem lil dan it-tifel. L-attrici, mill-banda l-ohra taf kif tmur mieghu u ghandhom komunikazzjoni u jifhmu lil xulxin. L-attrici tahdem biex thallas ghall-ispejjez tat-tifel bhal skola u uniformijiet, izda sa fejn jaf hu l-konvenut ma ikkontribwixxa xejn ghal dawn l-ispejjez. Hu u martu, jghinu lill-attrici finanzjarjament.

**WPS 158 Gillian Henwood,** xehdet fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 85. Hi ezebit rapport markat Dok GH Fol 94 li sar fit-8 ta’ Ottubru 2013 fil-4.45pm fl-Ghassa tan-Naxxar. Omm l-attrici kienet marret l-Ghassa, peress li bintha kellha taghti access lil ex-partner taghha E D pero’ t-tifel taghhom ma riedx jmur ma’ missieru. Dak iz-zmien it-tifel kellu 5 snin, illum ghandu 6 snin. It-tifel beda jwerzaq, ma ried jaf b’xejn u ma riedx johrog mill-karozza ta’ ommu biex jmur ghand missieru. Wara xi nofs siegha biki u ghajjat mit-tifel, il-missier qabdu u poggieh fil-karozza tieghu. L-attrici kienet dispjacuta tara lit-tifel f’dik il-kondizzjoni pero’ bil-kelma t-tajba ippruvat tikkonvinci lit-tifel biex jmur ghand missieru. Il-missier beda jghidlu kliem fis-sens li kien ser jiehu pjacir ghax kien ser jilghab.

**Martina Testa, Social Worker,** xehdet fl-istess seduta, Fol 86 et seq. Hi kkonfermat li bejn Novembru 2013 u Frar 2014 hi kienet ghamlet monitoring tat-tifel C D. Kienet tmur d-dar tal-konvenut, xi drabi ghall-gharrieda u ltaqghet mieghu ukoll darba hdejn il-bandli tan-Naxxar u darba hdejn il-bandli ta’ San

Pawl il-Bahar. Kienet tkellmet ukoll mal-attrici li kienet preokkupata minhabba l-ambjent traskurat hafna tad-dar tal-konvenut. L-attrici qaltilha ukoll li kien hemm zmien meta t-tifel kien qed jirrifjuta li jmur ghand missieru, u li darba l-minuri qalilha li missieru sawwtu. L-omm kienet perokkupata ukoll li l-missier jkun taht l-effett tad-droga fil-presenza tal-minuri.

Darba ohra l-attrici cemplitilha biex tghidilha li t-tifel kien qed imiss il-parti genetali tieghu.

Meta marret fid-dar ta' E D, nnotat li l-post kien traskurat u kien hemm riha qawwija ta' annimali, fil-fatt kellu kelb kbir. Kien hemm sigaretti uzati u l-art kienet imdelka hafna. Gibditlu l-attenzjoni li kellu jahsel l-art; hu qalilha li ma kienx jaf kif u hi ssugeritlu kif jista' jahsilha u fl-ahhar home visit li ghamlet innotat li l-art kienet izjed nadifa minn qabel. Kull darba li ltaqghet mal-minuri kien ikun qed jiekol ikel ippreparat bhal pizza; il-konvenut qalilha li aktar kien jaqbillu hekk milli jsajjarlu. Il-missier ammetta maghha li darba ta daqqa fuq id il-minuri, pero' insista li kienet darba biss. Ammetta ukoll li kien hemm okkazzjonijet meta t-tifel irrifjuta li jmur mieghu. Hi qalet li t-tifel kien jiehu pjacir li missieru jkellmu, il-missier kien jghanqu u kienu jikkomunikaw tajjeb hafna. Il-missier kien jipprova jeduka lill-minuri billi jghidlu biex jghid 'please' u 'thank you' u meta t-tifel ippunta toy pistol lejn x-xhud u lejn l-kelb, il-missier ikkorregih u t-tifel obda.

Hi tkellmet mieghu dwar l-abbuz mid-droga. Hu ammetta maghha li kien ghamel xi 20 sena jabbuza mid-droga marijuana, pero' insista li kien rceva ghajnuna mill-Agenzija Sedqa u li f'dak iz-zmien kien jinsab 'clean'. Qalilha ukoll li kien ghamel kors ta' *parental skills* organizzat mill-Agenzija Sedqa. Billi kellhom relazzjoni tajba hafna l-*monitoring* taghha kien twaqqaf. L-ahhar darba li marret ghandu kien fi Frar 2014. Hi ma tiftakarx jekk il-missier kienx qalilha li rceva xi gwida kif ghandu jikkomunika mal-minuri minnhabba l-autism.

Il-missier kien qalilha li kien jixtieq li jkun aktar involut mill-aspett edukattiv, u li jkun infurmat bil-laqghat tal-iskola.

**Stephen Spiteri, impjegat fis-Segretarjat tal-Kurja u responsabbli mill-Iskejjel tal-Knisja**, xehed fl-istess seduta, Fol 89. Hu kkonferma li kien ilu f'kuntatt ma' C ghal dawn l-ahhar 4 snin. Segwieh sentejn fl-iskola tal-Kinder u sentejn fil-Primarja. Minhabba il-kondizzjoni tieghu, aktar ma jkollu hajja strutturata aktar hu ta' beneficcju ghalih. Dejjem insistew li jkollu LSA li tkun ta' dixxiplina u raw progress kbir fih. Huma jiddiskutu x'hin huma l-bzonnijiet tat-tifel, jsir Individualised Education Programme (IEP). Dan jinghata ma' kull student li hu 'statemented' cioe' li jkollu bzonn LSA. Fl-iskola jkun hemm it-teacher u l-LSA, membru mis-senior management team u l-istess xhud bhal

rapprezentant tas-Segretarjat. Kellu kuntatt mal-missier meta C kellu jidhol fil-Year 1, kien qallu li kien missier t-tifel u x-xhud rrispondih li ma kellux dubbju ghax jixbhu pero' billi mid-dokumenti li kellhom, l-kura u kustodja kienet f'idejn l-omm, ma setghax ikellmu fuq it-tifel l-istruzzjonijiet kienu li l-omm biss jew xi hadd minnha awtorizzat, jista' jigbor t-tifel mill-iskola. Ix-xhud spjega lill-missier li sakemm ma jkunx hemm ordni mill-Qorti, ma setghux ikollhom kuntatt izjed mieghu.

Hu qal li l-attrici dejjem segwiet il-pariri taghhom, hija omm dedikata, thobb lill-binha u dak kollu li hu ta' gid ghalih. Jaf li tiehdu l-Inspire u li thallas kollox hi. Meta t-tifel kien fil-Kinder, l-omm kienet tmur tigbru u r-relazzjoni u l-kuntatt bejniethom hu sabih hafna" kif ghandu jkun bejn tifel u ommu".

**Joseph Saliba, ghall-Employment and Training Corporation**, xehed fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 112. Hu ipprezenta l-Employment History ta' E D, Dok JS1 Fol 108, li minnu jirrizuta li l-ahhar impieg li kellu kien ta' Bar Tender ma' Plush Investment Co Ltd, San Giljan, li rresenja minnu fis-16 ta' Novembru 2008. Ix-xhud ikkonferma li fil-present il-konvenut qed jirregistra ghax-xoghol. Min jkun registrat bhalu fuq l-ewwel parti jkun assenjat 'an employment advisor' li jiltaqa' mieghu biex jiddiskuta l-opportnitajiet ta' xoghol.

L-istess xhud  rega' xehed fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2015, ipprezenta bhala Dok JS2 Fol 119 et seq ir-registration history tal-konvenut, li minnu jirrizulta li mill-10 ta' Marzu 2011 sal-15 ta' JAr 2015 il-konvenut kien 'not working and is available for employment', Fol 121. Ix-xhud ikkonferma li l-konvenut ghamel zmien registrat fuq part 2 billi kien ipprezenta certifikat mediku li ma kienx korrett, Fol 120. Ipprezenta ukoll bhala Dok JS3 l-preferenzi tieghu cioe' t-tip ta' xoghol li hu kien qed iffettex, bhal assembler, cargo handler, messanger, luggage porter u store keeper. Il-konvenut kien ghadu qed jirregistra billi l-Korporazzjoni ma kellhiex feedback minn xi *employer*.

**Dottor Josella Fenech, paediatrician**, xehdet fl-istess seduta, Fol 129. Hi kkonfermat li ilha ssegwi lil C minn mindu kien ghadu baby. Fil-bidu l-genituri kienu jmorru flimkien. Darba l-attrici, precisament fit-8 ta' Ottubru 2013, kienet qaltilha li kienet inkwetata billi kienet qed tissepara minn mal-partner, li kellu access ghat-tifel xi tmien sieghat fil-gimgha, u t-tifel kien qed jirrifjuta li jmur ghand missieru, li kellu post mhux mizmum tajjeb u kien fih il-cockroaches.
Qaltilha wkoll li t-tifel kien qed jaghmel xenati kbar quddiem l-Ghassa tan-Naxxar, jirrifjuta li johrog mill-karozza ta' ommu u jmur ma' missieru. Qaltilha li l-Pulizija ghamlu raid fid-dar tal-konvenut, sabulu d-drogi u arrestawh ghal 24 siegha, u dan gara meta t-tifel kien ma' missieru. L-attrici qaltilha ukoll bl-incident meta t-tifel wegga' sinna ta' quddiem meta kien ma' missieru li l-anqas

hadu ghand tabib u kellha tiehdu hi l-ghada fil-ghodu. Hi ezaminat lit-tifel u ma sabet xejn. Hi taghtha parir li tkellem lis-social workers tal-Appogg u tkellmet mat-tabiba tal-Appogg Dr. Mariella Mangion. Meta t-tifel kien jkun ma jiflahx u jkollu l-access il-missier l-attrici kienet tipprova ssolvi l-kwistjoni bl-assistenza tal-Appogg.

Hi kkonfermat li t-tifel ghandu 'autism spectrum disorder' cioe' ghandu problema bil-komunikazzjoni, hyperactivity u ghalhekk ikollu problemi ma' tfal normali tal-eta' tieghu minhabba il-'communication issue'. It-tifel recentement kien qed jikkomunika ahjar u kien aktar kontrollabbli. Dwar il-konvenut qalet li meta kien fil-clinic taghha dejjem ikkomporta ruhu sew. Tghid li dan kien jidher li kellu 'an underlying problem at face value' pero'qatt ma dahlu fiha u hi ddikjarat li ma tafx xi problema kellu. Qalet li ilha s-snin ma tarah. Hi tifhem li l-attrici l-aktar li qed tiehu hsieb it-tifel, li recentement jidher aktar kalm u jikkomporta ruhhu sew, pero' jekk it-tifel ikollu tantrums u extreme anxiety dan jista' jeffetwa l-izvilupp tieghu. Spjegat illi "It-tfal jistghu facilment isiru ping pong bejn il-genituri u imbaghad normalment nispiccaw nfittxu l-parir ta' xi psychologist jew family therapist".

**Charlene Borg, Parent Relations Manager ma' l-Inspire Foundation for Inclusion,** xehdet fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 137. Hi ddikjarat li hi tiltaqa' mal-genituri li jridu jdahhlu lit-tfal taghhon l-Inspire. Hi tiehu hsieb ir-registrazzjoni ta' dawn it-tfal. Meta dahal maghhom C, l-ewwel attenda l-Istep Programme, dahal fl-Early Years Programme u kompla ghal Middle Years. Ir-registration saret mill-omm, il-firma li ghandhom hi tal-omm, fil-fatt ma ghandhiex dettalji dwar il-missier. Hi pprezentat kopja tar-Registration Form markata Dok CB 1. Hi ilha tahdem mal-Inspire ghal 17-il sena u ilha fil-kariga ta' Parent Relations mis-sena 2011. Hi gharfet il-kitba taghha fuq r-registration form u li kienet presenti biss l-omm, il-missier ma kienx presenti. Hi pprezentat ukoll Dok CB 2 Consent Form dwar videography u photography u Dok CB 3 summary tal-pagamenti li saru bhala *parent contribution fees.* Hi kkonfermat li t-tfal meta jidhlu fl-istruttura taghhom isibu ambjent disinjat ghalihom u tinnota kambjament ghal-ahjar mill-ewwel. Jinzammu records tal-assessments tat-tfal regolarment biex jisegwu l-progress tat-tfal. Ir-records tal-progress ikunu ghand L-Inspire Programme Manager Mr. Adrian Huber.

**Magdalene Cucciardi, Assistent Head fil-Junior School f'St Paul's Missionary College** Rabat, xehdet fl-istess seduta, Fol 139. Hi kkonfermat li C dahal f'dik l-iskola sentejn qabel. Ipprezentat bhala Dok MC1 l-entrance application fejn kien nghata l-kunsens biex C tkun tista' tarah guidance teacher u councellor fost l-ohrajn. Hi kienet l-ewwel ltaqghet mal-omm, lill-missier ratu darba biss, meta kien talab li jinghata informazzjoni dwar l-edukazzjoni ta' ibnu.

Hi kelmet lid-Direttur Fr. Silvio Bezzina li kiteb lil Fr. Charles Mallia mill-Kurja li kellem lil-Avukat tal-Kurja Dottor Domnic B li kien ta il-parir li l-iskola kellha tikkommunika biss mal-omm li kellha l-kura u kustodja tat-tifel. Minn dak iz-zmien l-missier qatt ma talab xejn mill-iskola u qatt ma rawh aktar.

Hi kkonfermat li ghandha rapport tajjeb hafna mal-omm li dejjem attendiet ghal Parents Day u ghal IEP sessions, cioe' Individual Education Programme. C ghandu bzonnijiet specjali u ghalhekk ma jsegwix programm normali mal-klassi izda ghandu programm specjali ghalih. Lill-omm taraha dartejn, darba meta iggib lit-tifel fil-ghodu u darba ohra meta terga tigi ghalih. Hi pprezentat Dok MC 2 l-IEP tas-sena 2013/2014, Dok MC 3 l-IEP ghas-sena 2014/2015, u Dok MC 4 rapport tal-LSA u t-teacher ghas-sena 2015. Hi ezebit ukoll il-korrispondenza li saret ma' Fr. Charles Mallia, Dok MC 5, Dok MC5A u Dok MC5B; l-ittra tal-avukat Dottor Maria Azzopardi ghall-konvenut li talab li jinghata l-informazzjoni dwar ibnu Dok MC 6. Dok MC 7 hi l-*attendance chart* ta' C. Hi kkonfermat li t-tifel ghamel progress kbir mindu dahal, sar jaf jikkomunika u jgib ruhu ahjar. C huwa nadif hafna u jidher li huwa kkurat, u meta jsir il-hin isemmi lill-ommu.

A B, l-attrici, xehdet fis-seduta tat-8 ta' JAr 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 177. Hi ezebit Dok S1 digriet tas-7 ta' Frar 2011 fejn l-attrici giet fdata bil-kura u kustodja esklusiva tal-minuri li jghix mal-omm ghand n-nanniet materni b'access favur il-missier t-Tieta u l-Hamis bejn l-5.00pm u s-7.30pm u s-Sibt/Hadd b'mod altrnat mid-9.30 am sa 12.30pm u li l-access jigi monitored (mhux supervised) mill-Agnzija Appogg. Dok S2 digriet tal-5 ta' Lulju 2011 fejn gie ordnat li terz mill-assistenza socjali percepita mill-konvenut tinqata direttament u tintbaghat lill-attrici, bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri. L-konvenut gie ukoll ordnat ihallas nofs l-ispejjez ordinarji tal-edukazzjoni tal-minuri.

Dok S3 Fol 182 sa Fol 187 huma ricevuti ta' hlasijiet li ghamlet l-attrici lil Kaell's Child Care Centre. Dok S4 huma r-ricevuti ta' Kinder1 u Kinder 2, Dok S4A huma receipts tad-donations u Dok S4B receipts ta' outings u stationery. Dok S5 huma r-receipts tal-Inspire. Dok 6 huma r-ricevuti tal-iskola, Kullegg Missjonarju ta' San Pawl ir-Rabat. Dok 7, Fol 246, huma zewg pagamenti ta' Euro 20 li l-konvenut hallas bhala manteniment ghall-minuri. Dok S8, Fol 247 hi ittra tal-ETC li tikkonferma li mid-9 ta' Marzu 2015 l-attrici bdiet tahdem bhala Pharmacy Assistent, Full Time. Il-Pay Slips tal-attrici huma minn Fol 248 sa Fol 256.

Hi ddikjarat li kienet ghadha toqghod mal-genituri taghha, li kellha boyfriend li kien anke ha self sabiex hi tkun tista' thallas xi spejjes li kellha tat-tifel. F'Novembru dahlet f'loan hi ukoll biex thallas lill-boyfriend u lil missierha li kien xtralha karozza. Billi toqghod ghand il-genituri taghha, ma thallasx kera.

L-attrici, fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2016, Fol 258, ipprezentat l-EFS3 taghha ghas-sena 2015, b'konferma li hi tahdem bhala Pharmacy Assistent ma' Brown's Pharmacy, Triq l-Industrija, Qormi. Dok JAD, Fol 264 hi ricevuta ghal Euro 600 li hallset ghal sessions tal-Hand in Hand, Organizazzjoni simili ghall-Inspire fejn it-tifel ikollu one to one sessions. Billi t-tifel kien ilu jmur l-Inspire min mindu kellu erba' snin, l-attrici ddecidiet li tkompli tibghatu l-Inspire.

Hi pprezentat bhala Dok INS FOl 265 sa Fol 269, Psychological Review Report, li jikkonferma il-progress li ghamel il-minuri.

In kontroezami l-attrici kkonfermat li min mindu twieled it-tifel, l-konvenut qatt ma hadem, b'eccezzjoni ta' zmien qasir li hadem bhala bar tender bla ktieb f'Stiletto f'Paceville fejn kienet ratu hi stess. Skont l-attrici l-konvenut jghid li hu broke u li jircevi r-relief. Hi kkonfermat li t-tifel kellu sentejn meta gie 'diagnosed autistic'. It-tabiba specjalista Dottor Bernardette Spiteri kienet ghamlet din id-dianjozi u l-konvenut ma kienx mar maghha. Dehru quddiem Statementing Board li jikkonferma li t-tifel kellu bzonn ta' LSA full time mieghu.

L-attrici, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2016, Fol 272, ipprezentat r-rapport tal-Istatementing Moderating Panel markat bhala Dok SMP. Hi kellha r-reports tas-CDAU, ic-Child Development Assessment Unit f' St Luke's, li gew immarkati Dok SMP 1 sa Dok SMP 12. Ir-rapporti saru bejn it-2011 u t-2012. Hi kienet dejjem tavza lill-konvenut b'dawn l-appuntamenti pero' hu qatt ma wera interess. Skont l-attrici kien jghidilha li t-tifel ma kellu xejn. Il-konvenut jaf li t-tifel hu autistc u ghandu bzonn Learning Support Assistent (LSA). Hi ma taqbilx li t-tifel ghandu jqatta' aktar hin ma' missieru u tghid "He does not look forward too much to see his father". Hi kkonfermat li l-konvenut mhux qed ihallasha terz tar-relief li jircevi skont id-digriet u l-anqas ihallas ghan-nofs l-ispejjez tal-iskola.

Hi pprezentat bhala Dok SMP 14 Fol 329, r-Rikonoxximent ta' Paternita' redatt minn-Nutar Robert Micallef fit-22 ta' Dicembru 2009.

Hi ezebit ukoll, Dok SMP 15 sentenza tal-Qorti Kriminali tas-7 ta' April 2015 fenn giet liberata minn kull imputazzjoni wara li kienet giet misjuba hatja fil-Prim Istanza f' incident dwar l-acces ghal C.

Fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2016 gew ipprezentati zewg akkuzi kriminali kontra l-konvenut dwar pussess u traffikar ta'droga markati Dok P1 u Dok P2 Fol 345 u Fol 349.

L-attrici, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016, Fol 355 ipprezentat numru ta' ritratti minn fuq il-facebook tal-konvenut li jikkonfermaw li kien qed jahdem f'periodi differenti f'dawn l-ahhar sitt snin, li gew imarkati Dok PH1 sa Dok PH6.

L-Avukat tal-konvenut ripetutament ddikjara li l-istess konvenut ma kienx qed jikkommunika mieghu, l-anqas wara li jircevi l-avvizi tas-seduti mill-Assistent Gudizzjarju. Dan iddikjarah fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 344, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2016 quddiem il-Qorti, Fol 354, fis-seduta tas-6 ta' April 2017 Fol 390, u fis-seduta tal-10 ta' JAr 2017 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 362.

L-attrici b'nota pprezentata fit-8 ta' Mejju 2017 elenkat u aggiornat l-ispejjez kollha li ghamlet f'interess tat-tifel, annettiet r-ricevuti relattivi u kkonkludiet li dawn jammontaw ghal Euro 8233.33. Hi talbet li l-konvenut jigi kkundAt ihallasha nofs dan l-ammont cioe' Euro 4116.66, kif ukoll l-ammont ta' Euro 3308.24 dovuti bhala arretrati ta' manteniment.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Il-partijiet kellhom relazzjoni bejn Marzu 2007 u Settembru 2009 u minn din r-relazzjoni twieled it-tifel C D fit-22 ta' Marzu 2008, li hu tifel bi bzonnijiet specjali billi jbaghti minn kondizzjoni ta' Autism Spectrum Disorder-ASD. F'April 2007 l-attrici marret tghix ghand il-konvenut fil-flat tieghu il-Qawra u f'Awissu 2007 nqabdet tqila u minn hemm beda l-inkwiet, billi l-konvenut lit-tarbija ma riedhiex u kien anke issugerrixxa lill-attrici kif tista tkorri.

L-attrici telqet mill-flat tal-konvenut f'JAr 2010 u marret tghix f'appartament li kriet fil-vicin, izda fl-1 ta' Mejju 2010 marret tghix ghand il-genituri taghha in-Naxxar.

Irrizulta abbondantement mill-provi li l-attrici prattikament wahedha hadet hsieb ghall-htigijiet konsiderevoli tal-minuri. Indubbjament il-fatt li l-minuri jbaghti minn din il-kondizzjoni partikolari, ikkreja certa diffikoltajiet, bhal l-htiega li jkollu Learning Support Assistent 'on a one to one basis', u l-attrici nefqet ammonti konsiderevoli ta' flus sabiex tassikura li l-minuri fl-iskola ikollu l-assistenza kollha li jirrekjedi, u t-tifel ghamel progressi enkoraggjanti u sodisfacenti.

Mill-banda l-ohra l-konvenut kien aktar mohhu li ma jikkontribwixxiex ghall-ispejjez tat-tifel milli jara verament x'inhuma l-htigijiet tal-minuri; jinsisti li t-tifel ma ghandu xejn, dejjem jopponi jekk l-attrici tinfurmah li hemm l-ispejjez, jiskarta x-xoghol, jabbuza bid-droga u ma jikkontribwixxi b'ebda mod ghall-htigijiet tal-minuri. Jinsisti biss li jkollu aktar hin mal-minuri u li dan

okkazzjonalment jorqod ghandu, ghalkemm irrizulta ukoll li biz-zmien dan l-entuzjazmu majna, tant li l-anqas ghadu juzufruwixxi mill-hinijiet tal-accesss.

Irrizulta in oltre, li l-konvenut gie akkuzat kriminalment bil-pussess u traffikar ta' droga, liema proceduri presumibilment ghad ma gewx kkonkluzi billi ma gie pprezentat ebda document f'dan is-sens.

Mill-Employment History tieghu rrizzulta li l-konvenut ghamel diversi xogholijiet, fosthom ta' driver/delivery man u bar tender. Officjalment irrizulta li ma jahdhimx, pero' l-attrici tikkontendi li jahdem bla ktieb u pprezentat ritratti fejn kien jidher jahdem wara bar.

Meta kienu ghadhom jikkoabitaw kien jahdem saltwarjament u l-attrici ripetutament ikkonfermat li ma kellu l-ebda hajra ghax-xoghol, anzi kien jigrattifikah il-fatt li hi kienet tahdem sieghat twal, anke qabel weldet it-tifel, u hu joqghod jitazzen u ma jmid idu ghal xejn.

Il-konvenut, fir-risposta guramentata tieghu ma llimitax ruhu biex jikkontesta t-talbiet attrici, izda ppretenda li t-tifel okkazzjonalment jorqod ghandu (sleepovers). Fil-kors tas-smiegh tal-kawza pero' l-konvenut jidher li tilef l-interess billi l-anqas indenja ruhhu li jikkomunika mal-avukat tal-fiducja tieghu sabiex jipprezenta l-affidavit tieghu. Effettivament l-konvenut baqa' biex ma pproduca l-ebda provi, lanqas it-testimonjanza tieghu.

B'Digriet moghti fis-7 ta' Frar 2011, Dok S1 Fol 180, l-Qorti ordnat li fl-interess primarju tal-minuri, l-omm giet fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri li kellu jghix maghha fid-dar tan-nanniet materni; nghata access ghal-missier kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-5pm u s-7.30pm u s-Sibt/l-Hadd b'mod alternat mid-9.30am sa 12.30pm, u l-access jkun monitored (mhux supervised) mill-Agenzija Appogg.

B'Digriet tal-5 ta' Lulju 2011, Dok S2 Fol 181, l-Qorti ordnat li 1/3, terz mill-assistenza socjali percepita mill-intimat jinqata' direttament u jintbaghad lir-rikorenti bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri. L-intimat gie ukoll ordnat ihallas nofs l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni (ordinarji) tal-minuri.

Mill-provi rrizulta li illum kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut qeghdin rispettivament f'relazzjoni ma' persuna ohra; l-attrici ddikjarat li l-boyfriend taghha, Andre' Cutajar Cristina jingieb u jaqbel hafna mall-minuri, u ddikjarat in oltre, li kien hemm okkazzjoni meta marret bit-tifel ghand il-konvenut u sabitu fis-sodda ma' mara ohra.

L-attrici qed titlob li l-kura u kustodja tal-minuri C ghandha tigi fdata lilha esklusivament, fl-ahjar interess tal-minuri.

Il-konvenut jikkontesta din it-talba u jikkontendi li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun kongjunta bejniethom, iz-zewg genituri. Jitlob ukoll li f’xi okkazzjonijiet it-tifel jghamel sleepover ghandu. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza pero’ l-konvenut wera li tilef l-interess fit-talbiet tieghu.

F’cirkostanzi normali z-zewg genituri ghandhom ir-rwol partikolari taghhom li naturalment jkun ta’ beneficcju ghall-minuri, izda f’dan il-kaz partikolari, anke in vista tal-fatt li t-tifel jsoffri mill-kondizzjoni tal-autizmu u l-missier jabbuza mid-droga, certament mhux fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kutodja tkun kongunta bejn iz-zewg genituri.

Ikkunsidrat;

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet “**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud”** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Marzu 2014 il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta’ applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interss suprem tal-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Mario Darmanin vs Alise B**” deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Ottubru 2014 ntqal li:

“….meta tigi biex tiddecidi dwar kura u kustodja ta’ minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet ‘ut sic’ izda biss dwar x’hinu l-ahhjar interess tal-minuri”.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**” deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Ottubru 2008 ntqal:

“ Dwar jekk kura u kustodja kongunta f’kazi bhal dawn hijiex l-ahjar soluzzjoni, din l-Qorti taqbel ma sensiela ta’ sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ahhar snin u cioe’ kif qalet din il-Qorti illi l-Qorti qed tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghalhiex bhala sistema m’hijiex prattikabbli meat l-genituri ma jiftehmux bejniethom”.

Ghal dawn ir-ragunijiet, fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, il-Qorti qed tiddeciedi illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri tigi akkodata esklusivament f’idejn l-omm li maghha ghandu jirrisjedi.

**Manteniment tal-Minuri.**

Skont l-**Artikolu 7 tal-Kap 16:**
" (1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb,imantnu, ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bl-mod stabbilit fl-Artikolu 3 B".
Skont l-**Artikolu 20** tal-Kap 16:
" (1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghadu jaghtih".

Il-partijiet, genituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin lil xulxin. Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genituri huma mizzewga lil xulxin, sew jekk le.

Issir ghalhekk referenza ghall-provvedimenti legali fli-Kodici Civili li jipprovvdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin, partikolarment l-Artikolu 54 tal-Kap 16.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Angela Conti vs Lawrence Bonnici**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015, kawza li l-fattispecie taghha kienu simili ghal dawk tal-kawza odjerna ntqal li:

" Wiehed l-ewwel net ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment, l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-Artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li ghandu jithallas.".

Fil-kawza fl-ismijiet " **Cathrine Mifsud vs Louis Mifsud"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013 ntqal:

" Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta'min jissepara, izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn (L-Artikolu 20 (1) tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta' min qed jitolbu) Skont is-subincizi l-ohra tal-istess artikolu l-manteniment ghandu jigi iffissat skont il-mezzi ta' min hu obbligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita' tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Jane Camilleri pro et noe vs Carmelo Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru 1990 ntqal:
" Il-ligi titlob li l-manteniment ghandu jinghata skont il-qliegh tar-ragel u l-utili tieghu, pero' dan ma jistax jigi interpretat b'mod li r-ragel jista' meta jrid

jirrezenja mix-xoghol bla raguni gustifikata u jhalli lill-familja bla ma jipprovdi ghaliha."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Emanuela Bartolo vs Francis Bartolo**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1965 ntqal:
" Jekk ir-ragel ma jahdimx huwa ma jehlisx minn dan l-obbligu jekk ma jkollhux xi impediment serju jew marda gravi li jinabilitawh mix-xoghol".

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-konvenut ghandu l-kapacita' li jahdem, pero' jippreferrixxi ma jahdimx u jghix fuq l-assistenza socjali. Ir-ritratti li pproduciet l-attrici, li ttiehdu mill-Facebook page tal-konvenut, l-istess konvenut jidher jahdem ta' bar tender. Fil-fehma tal-Qorti l-attrici irnexxielha tipprova b'mod sodisfacenti u fuq bazi ta' probabilita' li l-konvenut, ghalkemm qed jirregistra ghax-xoghol, effettivament qed jahdem bla ktieb b'tentativ sabiex jevita li jigi kkundAt ihallas manteniment ghall-minuri.

Ma ngabu l-ebda provi li jiggustifikaw li l-konvenut jigi ezonerat mill-obbligu tieghu li jikkontribwixxi ghall-ispejjez necessarji fit-trobbija tal-minuri. Spejjez li tenut kont il-kondizzjoni tal-minuri huma ferm aktar min-normal. Il-konvenut, minflok ma refa r-responsabbilta' tieghu u hadem aktar min-normal sabiex ikun jista' jerfa' parti mill-piz relatat mat-trobbija tal-minuri, ra kif ghamel sabiex jidher li qed ifittex ghax-xoghol mentri jew jevita li jahdem jew jekk jahdem jahdem bla ma jkun hekk registrat.

Dan l-atteggjament huwa assolutament kundAbbli u l-Qorti qed tiddikjara illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ghalkemm ma kienx possibbli ghall-attrici li tressaq provi dwar id-dhul attwali tal-konvenut, il-Qorti qed tiddikjara illi ma jirrizultawx l-estremi sabiex tezonera lill-konvenut mill-obbligu tieghu li jhallas manteniment ghall-minuri peress li kapaci jahdem tant li fuq id-dokumenti tal-ETC jidher li qed jirregistra ghal diversi impiegi.

It-talba tal-attrici li l-konvenut ghandu jigi ordnat jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri tirrizulta abbondantement gustifikata.

Il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u l-provi kollha migjuba qed tillikwida l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri fis-somma ta' mitejn u hamsin ewro (Euros 250) fix-xahar li jkopri l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici, u fl-ahjar interess tal-minuri, takkorda lill-attrici l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri C D, li ghandu jirrisjedi mal-attrici ommu. L-attrici ghandha wahedha tiehu d-decizzjonijiet kollha, ordinarji u straordinarji, dwar il-minuri;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attrici u tordna li l-access tal-minuri favur il-missier ikunu kif stabbiliti bid-Digriet tas-7 ta' Frar 2011, Dok S1 Fol 177;

3. Tilqa' in parti, t-tielet talba tal-attrici fis-sens li mhux fl-ahjar interess tal-minuri li jkollu sleepovers mal-konvenut missieru;

4. Tilqa' parzjalment ir-raba' u l-hames talba tal-attrici u tordna lill--konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (Euros 250) fix-xahar li jinkludi spejjez ta' edukazzjoni u sahha, liema ammont ghandu jithallas direttament lill-attrici minn kwalunkwe salarju jew beneficcji socjali li jircevi l-konvenut minn zmien ghal zmien u li ghandu jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja u dan sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena.

5. Tilqa' is-sitt talba attrici u tikkundA lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' Euros 4,116.66 kif ukoll is-somma ta' Euros 3,308.24 skont kif jirrizulta min-nota ezebita a fol. 391 tal-process.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**